MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 46/2007/1

**Mustefa Mustefa Al Muhamad**
***v.***
**Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onor. Prim Ministru u Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tal-attur għal rimedju għal dak li l-attur iqis bħala ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti mħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. Il-fatti seħħew hekk: L-attur iżżewweġ lil Mary *née* Scicluna fid-9 ta’ Awissu 1995 u kiseb ċitadinanza maltija fit-8 ta’ Jannar 1996. Iż-żwieġ tiegħu ġie dikjarat null b’sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta’ Lulju 1999. B’ordni magħmul fil-25 ta’ Ġunju 2007 mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern taħt l-art. 14 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija [Kap. 188] lill-attur tneħħietlu ċ-ċittadinanza b’seħħ minnufih, u l-attur kien mgħarraf b’dan b’ittra tat-3 ta’ Lulju 2007 mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates*, li biha kien mgħarraf ukoll illi r-raġuni għat-tneħħija kienet illi l-ksib taċ-ċittadinanza kien sar b’qerq.

3. L-attur igħid illi d-deċiżjoni tal-ministru li jneħħilu ċ-ċittadinanza ttieħdet fuq rakkomandazzjoni ta’ kumitat ta’ inkjesta maħtur mill-ministru stess, *i.e.* mill-istess persuna li riedet illi lill-attur titteħdilu ċ-ċittadinanza. Dan, igħid l-attur, huwa bi ksur tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk talab illi l-qorti:

i. tgħid illi l-kumitat ta’ inkjesta li iddeċieda l-każ dwar iċ-ċittadinanza tiegħu ma huwiex tribunal ħieles u għalhekk huwa bi ksur tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni; u

ii. tiddikjara illi d-deċiżjoni li ħadu l-konvenuti meta neħħewlu ċ-ċittadinanza hija nulla u bla effett.

4. Il-konvenuti wieġbu, preliminarjament, li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax iċ-ċittadinanza ma hijiex fost il-mansjonijiet tiegħu u, fil-meritu, illi ma hemm ebda ksur ksur tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni għax (i) il-kumitat ta’ inkjesta jagħmel biss rakkomandazzjonijiet u ma jiħux deċiżjonijiet u (ii) ċ-ċittadinanza hija materja ta’ dritt pubbliku u ma hijiex “dritt jew obbligu ċivili”.

5. B’sentenza mogħtija fl-14 ta’ Lulju 2011 l-ewwel qorti iddeċidiet “billi, filwaqt illi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu”, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Illi l-kwistjoni kollha f’din il-kawża kostituzzjonali hija jekk ir-rikorrenti ngħatax smigħ xieraq jew le quddiem il-Bord kif irid l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

«Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħodd kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali jew fi proċeduri għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħodd f'każ ta' deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u obbligazzjonijiet, jew fil-każ ta' xi akkuża kriminali.

«Illi l-qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet Eddie Cachia *vs* Dr Joseph Galea Debono *et noe* mogħtija fil-21 ta' Mejju 1993, fejn il-każ kien jirrigwarda l-Kummissjoni għall-Investigazzjonijiet tal-Inġustizzji. F'dan il-każ, il-qorti qalet illi din il-kummissjoni ma kenitx maħsuba sabiex tiddetermina drittijiet jew obbligazzjonijiet iżda sabiex tinvestiga rapport ta' individwu dwar ilment tiegħu li ġarrab ħsara jew inġustizzja bħala riżultat ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita eżerċitata direttament jew indirettament mill-gvern. "Għalhekk il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzja ma hix qorti għall-għanijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u d-dritt garantit b'dawk l-artikoli ma japplikax għall-proċedimenti quddiem il-kummissjoni."

«Illi l-qorti tara illi b'analoġija dan l-argument jista' jintuża wkoll fil-każ odjern illi jirrigwarda kumitat ta' inkjesta, billi dan il-kumitat jagħmel biss rakkomandazzjonijiet, liema rakkommandazzjonijiet jistgħu jew jistgħu ma jiġux aċċettati mill-Ministru intimat.

«Illi l-qorti rat ukoll is-sentenza ta' din il-qorti fil-kawża fl-ismijiet Hiwot Abera Woldu *et vs* Professur Dr Henry Frendo *et* deċiza fit-18 ta' Novembru 2004, fejn intqal illi hija ġurisprudenza stabbilita illi proċeduri dwar tkeċċija ta' min ma hux ċittadin tal-pajjiż ma humiex proċeduri li fihom tingħata deċiżjoni dwar drittijiet ċivili, u għalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigħ xieraq.

«Illi l-qorti rat ukoll sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-każ ta' Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija fejn il-qorti qalet :

«1. The court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of

Article 6 § 1 of the Convention (*Maaouia v. France* [GC], no. 39652/98, § 40, ECHR 2000-X).
«2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case.
«Illi dwar jekk, bis-saħħa ta’ dak li jingħad fl-artikolu 7(9) tal-Kap. 188, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandhom igħoddu għall-każ tallum, l-artikolu 7(9) tal-Kap. 188[1] igħid hekk:
«**7.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċiżjoni tal-Bord tkun wahda finali u konkluživa u ma tkun tista’ tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.
«L-art. 46 tal-Kostituzzjoni, fil-parti relevanti tiegħu, igħid hekk:
«**46.** (1) … … … kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta’ din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x’aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’Malta tista’ taħtar ad istanza ta’ xi persuna li hekk tallega, tista’, bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista’ ssir legalment, titlob lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.
«u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fil-parti relevanti tiegħu, igħid l-istess ħaġa:
**«4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x’aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’Malta tista’ taħtar ad istanza ta’ xi persuna li hekk tallega, tista’, bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista’ ssir legalment, titlob lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.
«Il-qorti iżda tifhem illi d-disposizzjoni tal-artikolu 7(9) tal-Kap. 188[2] ma tagħtix jeddijiet taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni aktar milli jagħtu l-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Fi kliem ieħor, jekk interess ma huwiex imħares taħt dawk il-liġijiet, ma jiġix imħares taħthom bis-saħħa tal-artikolu 7(9) tal-Kap. 188. Dak l-artikolu jgħid

---

[1] Fil-fatt l-art. 7(9) ċitat ma huwiex tal-Att dwar Ċittadinanza Maltija [Kap. 188] iżda tal-Att dwar ir-Rifuġjati [Kap. 420].
[2] *recte* Kap. 420.

biss illi, għalkemm id-deċiżjonijiet tal-Bord ma jistgħux jiġu kontestati quddiem qorti, madankollu, jistgħu jiġu kontestati taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni, basta, naturalment, illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li fuqhom jistrieħ min ikun irid jikkontesta d-deċiżjoni jkunu jgħoddu għall-każ.
Fil-każ odjern, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li fuqhom qiegħed jistrieħ ir-rikorrenti, ma jgħoddux għall-proċeduri li dwarhom saret din il-kawża.»
6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-22 ta' Lulju 2011. L-aggravji tiegħu fissirhom hekk:

«Illi kif qalet l-ewwel qorti l-kwistjoni kollha f'din il-kawża kostituzzjonali hi dwar jekk ir-rikorrenti ngħatax smigħ xieraq jew le quddiem il-bord (kumitat ta' inkjesta mwaqqaf bis-saħħa tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta), kif irid l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fejn l-ewwel onorabbli qorti poġġiet konklużjoni analoga ma' dak li ġie deċiż fis-sentenza ċitata fid-*decide* tagħha Eddie Cachia *vs* Dr Joseph Galea Debono *et noe* mogħtija fil-21 ta' Mejju 1993 meta f'dik il-kawża l-qorti kienet qalet li l-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji ma hix qorti għall-għanijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja "u dritt garantit b'dawk l-artikoli ma japplikax għal proċedement għal quddiem il-kummissjoni". Allura l-ewwel qorti b'analoġija applikat dan il-prinċipju għall-każ odejern, f'dan il-każ għall-kumitat ta' inkjesta għax il-qorti qalet "jagħmel biss rakkomandazzionijiet liema rakkomandazzjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jiġu aċċettati mill-ministru intimat". B'kull rispett din l-analoġija hija skorretta l-għaliex meta l-ministru japplika d-deċiżjoni u allura għandu diskrezzjoni dik id-diskrezzjoni kif jgħid il-ġurista Van Dijk et fit-*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*: "*the mere fact that the authorities enjoy discretion in their decision-making and that, therefore, the person concerned cannot claim a specific outcome, does not mean that no right of the applicant is involved. He is entitled to the authorities respecting the limits of their discretion. That discretion is not unfettered and has to be exercised within the framework of the applicable law and in conformity with*

*general principles of law and good administration. However, if the award of a claimed entitlement is totally left to the court* …[*sic*]". F'dan il-każ, allura, ma għamlitux għax kellha kull dritt li tissindika id-diskrezzjoni tal-Ministru wara l-parir tal-kumitat;

«Illi għalkemm il-qorti ċċitat is-sentenza Mamatkulov u Abdurasulovic kontra Turkija mogħtija mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem datata 6 ta' Frar 2003 liema sentenza din il-qorti kienet qalet "*the court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention*", b'kull rispett fil-każ in eżami l-esponenti hemm iċ-ċittadinanza tiegħu *at stake*! Dan qed jingħad aktar u aktar meta kif diġà ġie indikat fin-nota ta' osservazzjoni tal-esponenti f'dawn il-proċeduri illi l-esponenti peress li huwa Kurd u allura mingħajr nazzjonalità kellha aktar u aktar tidħol u tindaga dwar id-diskrezzjoni tal-ministru meta żvesta lill-esponenti min-nazzjonalità tiegħu u spiċċa mingħajr ebda nazzjonalità kif jirriżulta dak li ntqal f'paġna 7 fl-atti tal-kumitat ta' inkjesta odjern kif ċitata fin-nota ta' osservazzjoni tal-esponenti u bil-konsegwenzi kollha li jispiċċa l-appellant meta jiġi ritornat is-Siria.

«Illi l-aggravju li jsegwi huwa illi hawn *si tratta* dwar deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tal-appellanti, dik li tneħħietlu ċ-ċittadinanza per konsegwenza tal-istess kumitat ta' inkjesta u li allura kontrarjament dak li qalet l-ewwel qorti, il-qorti kienet marbuta li tara jekk id-deċiżjoni kenitx waħda li kellhom jiġu osservati l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar d-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk ma nftiehem xejn dak li b'xi mod il-qorti qalet fid-deċiżjoni tagħha li l-artiklu 7(9) tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta t-mod kif kwotat il-qorti "dak l-artiklu jgħid biss illi għalkemm id-deċiżjonijiet tal-bord ma jistgħux jiġu kontestati quddiem il-qorti, madanakollu jistgħu jiġu kontestati taħt il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni ..." allura b'kull rispett, hekk kellha tagħmel l-ewwel qorti. Hawn *si tratta* li l-ewwel qorti kellha

tissindika u tara jekk id-deċiżjoni li ha l-intimat ministru kenitx waħda korretta għall-fini ta' dak li jitlob l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.»

7. Il-konvenuti wieġbu fit-8 ta' Awissu 2011 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.
8. Il-qorti tosserva illi kemm l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u kemm l-art. 6 tal-Konvenzjoni jolqtu proċeduri "għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" jew għad-"deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi" rispettivament. Dan ifisser illi biex dawn id-dispożizzjonijiet jibdew igħoddu għall-każ iridu (i) jkunu determinanti dwar il-każ, *i.e.* iwasslu għal deċiżjoni li torbot[3], u (ii) jkunu dwar drittijiet (jew obbligi) ċivili.

9. Fil-każ tallum l-attur qiegħed jimpunja d-deċiżjoni tal-kumitat ta' inkjesta u mhux dik tal-ministru. Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti, dan il-kumitat huwa mwaqqaf taħt il-Kap. 188 u mhux taħt il-Kap. 420, u għalhekk l-art. 7(9) tal-Kap. 420 – erronjament ċitat mill-ewwel qorti taħt l-impressjoni li kien tal-Kap. 188 – ma jgħoddx għall-każ. Li jgħodd għall-każ huwa l-art. 14 tal-Kap. 188 li jgħid illi huwa l-ministru li "jista' b'ordni jippriva miċ-ċittadinanza". Għalhekk, id-deċiżjoni tal-kumitat ta' inkjesta ma hijiex "determinanti" għad-drittijiet tal-attur u, għal din ir-raġuni, il-każ ma jaqax taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

10. Għalhekk biss, it-talbiet tal-attur, imsejsa fuq l-applikabilità ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi, ma jistgħux jintlaqgħu.

11. Iżda t-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu wkoll għax iċ-ċittadinanza ma hijiex "dritt ċivili" għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu jistrieħ l-attur.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel qorti safejn ċaħdet it-

[3] *Le Compte, Van Leuven u De Meyere v. Il-Belġju* (l982) 5 EHRR 183 para. 47: "*the result of the proceedings must be directly decisive for such a right*".

talbiet tal-attur. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------